MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 1518/1998/1

**Catharina Harvey**

**vs**

**Christopher Andrew Harvey; u b'nota tas-26 ta' Lulju 1999**
**Dr Peter Caruana Galizia accetta li jidhol bhala kuratur ta'**
**l-assenti Christopher Andrew Harvey; u b'digriet tal-5 ta' Awissu 1999 Dr. Vincent Galea u l-Prokuratur Legali**
**Davina Sullivan gew nominati kurati deputati biex Jirrapprezentaw lill-konvenut li hu assenti minn dawn il-Gzejjer;**

**u b'digriet ta' l-14 ta' Ottubru 1999 d-digriet tal-5 ta' Awissu 1999 gie revokat *contrario imperio***

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTRICI**

1. B'citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Lulju 1998 l-attrici kienet talbet lill-Qorti:

(a) tiffissa manteniment ghaliha;

(b) tikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont ta' manteniment lill-attrici fil-modalitajiet li thoss xierqa dik il-Qorti u okkorrendo direttament mill-paga tal-konvenut;

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut nomine eccepixxa fost affarijiet ohra, u b'mod preliminari:

(a) in-nullita` tac-citazzjoni stante li giet prezentata fil-15 ta' Lulju 1998 kontra persuna li ma kenitx prezenti f'dawna l-gzejjer f'dik id-data; u

(b) in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti (Art 741 u 742 Kap.

12) stante li l-konvenut huwa domiciljat l-Ingilterra u residenti il-Libja u l-attrici mhiex ta' nazzjonalita` Maltija u mhiex legalment residenti hawn Malta a` tenur ta' l-Artikolu 7 Kap. 217 izda prezenti biss fuq *tourist visa*.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza in parte moghtija fit-13 ta' Lulju 2001, dina l-Qorti cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-esponenti dwar in-nuqqas ta' presenza fil-mument tal-prezentata u in-nuqqas ta' gurisdizzjoni.

**L-APPELL TAL-KONVENUT NOMINE**

4. Il-konvenut nomine hass ruhu aggravat minn dina s-sentenza u, interpona minnha fuq l-aggravju li gej:
Rigward in-nullita` tac-citazzjoni
(i) L-ewwel Qorti cahdet dina l-eccezzjoni ghax dehrilha li l-konvenut kien f'dak il-perjodu vizitatur frekwenti u ghalhekk kienet gustifikata tipprova tinnotifika lill-konvenut personalment.

(ii) Illi ghandu jinghad li l-ewwel Qorti ma apprezzatx ir-relazzjoni bejn il-partijiet naxxenti miz-zwieg taghhom u l-fatt li fil-perjodu li giet prezentata c-citazzjoni l-attrici kienet taf ben sew li huwa kien assenti, Fil-fatt l-attrici ghazlet ezatt perjodu meta kienet taf li zewgha kien il-Libja biex titlaq mid-dar tal-Wardija u tnehhi dak kollu li kien hemm fiha, liema hwejjeg ghadhom sal-lum fil-pussess taghha. Malli ghamlet hekk l-attrici ipprezentat rikors ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 2526/98) biex zewgha jigi inibit milli jbiegh id-dar tal-Wardija u din l-kawza giet prezentata propju in sostenn ta' l-istess mandat li kien akkordat fis-7 ta' Lulju 1998. Ghalhekk l-attrici kienet dak iz-zmien taf ezatt fejn kien il-konvenut zewgha u ma kienx kas ta' forsi qieghed hawn u forsi le.

Rigward il-gurisdizzjoni:
(iii) L-ewwel Qorti applikat l-ligi hazin. Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti hija motivata biss fuq il-presenza ta' l-attrici hawn Malta biex jisimghu u jiddeciedu l-kawzi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taht imemmija;

Fost dawna insibu:
(b) Kull persuna, sakemm jew ghandha d-domicilju taghha jew tkun toqghod jew tkun qeghda Malta;

Illi l-ewwel Qorti dehrilha li kien bizzejjed ghall-finijiet ta' dan is-subartiklu li l-attrici tkun presenti, u skartat ghal kollox il-domicilju, residenza jew presenza tal-konvenut billi qalet li dawna jigu kunsiderati meta l-Qorti tigi biex tara liema *proper law* ghandha tapplika.

(iv) L-ewwel Qorti lanqas dahlet fil-kwistjoni tan-natura tal-presenza ta' l-attrici f'dawn il-Gzejjer li hija wahda ghal kollox irregolari: L-attrici fil-fatt qatt ma applikat ghal

*residence permit* f'dan il-pajjiz, kif kellha taghmel taht il-Kap. 217 stante li mhux Maltija jew membru ta' korp diplomatiku u l-*istatus* taghha huwa ghalhekk dak ta' turista b'permess tibqa' hwan ghall-massimu ta' tliet xhur. Qabel ma jaghlqu dawn it-tliet xhur l-attrici issiefer, u meta terga' tidhol f'dan il-pajjiz, tirbah tliet xhur ohra. B'hekk jigi evitat l-obbligu li tapplika ghal *residence permit* mill-*Principal Immigration Officer* u b'hekk ma tesponix ruhha ghal taxxa minima ta' Lm1,000 fis-sena. L-attrici bi status legali ta' turista ma tistax tippretendi access ghall-Qrati biex tfittex persuna li mhiex domiciljata, residenti jew prezenti hawn. Il-fatt li l-attrici pruvat tuza is-servizzi tas-*Social Service Department* biex tadotta tarbija ma jbiddilx l-istatus taghha izda juri biss in-nuqqas ta' attenzjoni mid-Dipartiment meta joffri Servizzi Socjali lill-persuni li ma ghandhomx dritt ghalihom u ma jhallsu l-ebda kontribuzzjoni ta' Sikurta Socjali.

(v) L-ewwel Qorti skartat dan kollu billi qalet li dina hija semplicement kwistjoni amministrattiva. L-esponenti ma jhossx li l-kwistjoni kellha tigi trattata b'daqshekk leggerezza.

(vi) Illi l-esponenti jhoss li l-interpretazzjoni korretta ta' l-artiklu 741(1)(b) trid issir fl-isfond tal-pricipju baziku *actor seguit forum rei*. Ghalhekk huwa l-konvenut li ghandu jkollu d-domicilju, residenza jew almenu prezenza hawn biex tigi eradikata l-gurisdizzjoni. Kwalunkwe interpretazzjoni ohra tasal ghall-konkluzzjoni assurda, indikata fir-rikors ghall-awtorizzazjoni ghall-appell, li kwalunkwe persuna minn hawn Malta, fil-kumdita` ta' darha, tista' tharrek per ezempju lill-President ta' l-Amerika.

(vii) L-ewwel Qorti citat is-sentenza *Sixt vs Sixt* in sostenn. Izda, bir-rispett kollu din is-sentenza, kif mibdula mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza moghtija fl-14 ta' Frar 2000, ddecidiet l-oppost u cioe` li bl-emendi ghall-Art 741(1)(b) li saru bl-Att XXIV ta' l-1995 il-legislatur abbraccja l-pricipju: *ubi te invenio, ibi te convenio.* Dan kienet kawza fejn l-attur kien residenti il-Germanja u l-konvenuta f'Ghawdex. L-ewwel Qorti t' Ghawdex

ddecidiet li ma ghandhiex gurisdizzjoni, izda l-Qorti ta' l-Appell, kif inhu xieraq, ddecidiet li l-Qrati taghna kellhom gurisdizzjoni fuq il-konvenuta li kienet, kif deher ampjament mill-provi, residenti Ghawdex. F'dan il-kaz huwa pacifiku li l-konvenut m'huwiex residenti Malta izda il-Libja, fejn jahdem, jhallas it-taxxi kif ukoll kontribuzzjonijiet ta' Sikurta` Socjali, u huwa logikament jew f'dak il-pajjiz jew forsi l-Ingilterra fejn hu domiciljat u cittadin u fejn gie celebrat iz-zwieg, li jrid iz-zwieg, li jrid jitharrek.

Ghaldaqstant, l-konvenut nomine talab il-Qorti tannulla u tirrevoka s-sentenza attakkata billi tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**IR-RISPOSTA TA' CATHARINA HARVEY GHALL-RIKORS TA' L-APPELL TA' DR PETER CARUANA GALIZIA NOMINE**

5. L-appellata wiegbet hekk:-

(i) Illi b'sentenza in parte moghtija fit-13 ta' Lulju 2001 l-Qorti Civili cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellant nomine li kienet tghid li l-attrici ppresentat fil-15 ta' Lulju 1998 citazzjoni kontra persuna li ma kenitx presenti f'dawn l-Gzejjer f'dik id-data kif ukoll cahdet t-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine li kienet issollevat n-nuqqas ta' Gurisdizzjoni ta''l-istess Qorti (art 74 u 742 Kap. 12). Il-konvenut nomine qal li l-konvenut kien domiciljat l-Ingilterra u residenti l-Libja u l-attrici mhux ta' nazzjonalita` Maltija u mhiex legalment residenti hawn Malta a tenur ta' l-Artikolu 7 Kap. 217 izda kienet biss presenti fuq *tourist visa*.

(ii) Illi din is-sentenza in parte fil-fatt timmerita konferma stante li l-Qorti Prim Awla Civili wriet apprezzament korett tal-fatti u tal-ligi.

(iii) Illi rigwardanti l-ewwel eccezzjoni, l-Qorti innotat li mid-dokumenti ppresentati mill-istess konvenut nomine (Dok AH1 a fol. 26 et seq tal-process) kien jirrizulta li hu kien visitatur frekwenti hawn Malta u li mill-istess eccezzjonijiet irrizulta li ghandu propjeta` hawn Malta u li

b’hekk l-attrici kienet gustifikata li tipprova tinnotifika l-konvenut personalment u wara bdiet il-proceduri korretti biex ikun rappresentat fil-kawza kif stipulat mill-ligi. Wara li hadet ukoll in konsiderazzjoni l-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni.

(iv) Illi rigwardanti t-tieni eccezzjoni l-ewwel Qorti ghamlet riferenza ghal dak li ddecidiet fil-kawza “Catharina Harvey vs Dr Peter Caruana Galizia nomine” Cit. Nru. 2670/99 NA, bejn l-istess kontendenti, deciza in parte fit-22 ta’ Gunju 2001 u fejn l-eccezzjoni identika giet michuda mill-istess Qorti u ghmlet piena riferenza ghar-ragunijiet minnha moghtija f'dik il-kawza u peress li ma ngabet l-ebda raguni legali l-ghala ghandha tvarja dak minnha deciz, ghall-istess ragunijiet cahdet it-tieni eccezzjoni.

(v) Illi rigwardanti n-nullita` tac-citazzjoni wara li l-attrici harbet mid-dar konjugali, ghaddiet biex tinnotifika lir-ragel fl-istess dar konjugali li kienet ir-residenza tieghu, sa fejn kienet taf hi, kif trid il-ligi. Hi ma kellha l-ebda mezz biex tkun taf li r-ragel ma kienx Malta fil-perijodu tan-notifika u b’hekk ghaddiet biex taghmel talba ghall-kuraturi kif rikjest mill-ligi.

(vi) Illi l-ewwel Qorti ukoll ghamlet riferenza ghall-artikolu 786 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta rigwardanti l-eccezzjoni ta’ nullita` ta’ atti gudizzjarji.

(vii) Illi bla pregudizzju ghas-suespost hu ovvju li l-eccezzjoni ta’ nullita` tal-konvenut noe ma tinkwadrax ruhha f’dak kontemplat f’dan l-artikolu kif fil-fatt iddecidiet l-ewwel Qorti.

(viii) Illi rigwardanti n-nullita` tac-citazzjoni, a skans ta’ ripetizzjoni, u stante li l-ewwel Qorti rriferiet hi stess ghal dak li qalet fis-sentenza taghha cit. Nru. 2670/99 NA fl-ismijiet Catharina Harvey vs Dr Peter Caruana Galizia noe deciza in parte fit-22 ta’ Gunju 2001 l-esponenti taghmel riferenza ghal dak li qalet hi allura fir-risposta taghha ghall-petizzjoni ta’ l-appell tal-konvenut noe. Taghmel riferenza ukoll ghan-Nota tal-Osservazzjonijiet taghha quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili esebita ukoll fl-atti

tac-cit 2670/99/NA u ghan-Nota ta' Osservazzjonijiet taghha u trattazzjoni taghha fl-istess kawza. Ghaldaqstant l-attur titlob li din il-Qorti ta' l-Appell tikkonferma din is-sentenza in parte ta' l-ewwel Qorti bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Dan l-appell jikkoncerna zewg kawzi konnessi li bi qbil bejn il-partijiet
kontendenti gew trattati konteswalment u ghalhekk dak li ser jinghad f'kawza wahda japplika u huwa wkoll validu, multatis mutandis, ghall-kawza l-ohra. L-ewwel kawza hija dik fl-ismijiet "Catharine Harvey – vs – Christopher Harvey et" (Citazzjoni Numru 1518/98) u l-ohra hija fl-ismijiet "Catherine Harvey – vs – Dr. Peter Caruana Galizia bhal kuratur deputat ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-assenti Christopher Andrew Harvey" (Citazzjoni Numru 2670/99). Is-sentenzi "in parte" li nghataw fiz-zewg kawzi, mertu ta' dan l-appell, gew decizi flimkien mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Gunju 2001 u t-tnejn huma cirkoskritti ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti appellanti rigwardanti l-eccepita nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati a tenur ta' l-artikolu 742 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni Civili (Kap. 12), liema eccezzjonijiet, sollevati fiz-zewg proceduri, gew respinti mill-ewwel Qorti. Dan l-appell ghalhekk huwa wkoll limitat ghal dina l-eccezzjoni.

7. Billi, kif ser jinghad, hemm ness necessarju bejn l-aspetti fattwali u dawk ta' dritt fiz-zewg proceduri, ikun utli u opportun li f'dan l-istadju jsir accenn ghal certi fatti saljenti dwar l-istatus tal-kontendenti kif jemergu mill-provi li gew prodotti quddiem l-ewwel Qorti. In segwitu mbaghad isiru kostatazzjonijiet ta' natura legali u fl-ahharnett isir raffront bejn dawn iz-zewg aspetti ta' fatt u ta' dritt.

8. Mill-provi prodotti ghandu jirrizulta pacifiku li kemm l-attrici appellata, Catharine Harvey, kif ukoll zewgha Christopher Andrew Harvey m'humiex ta' nazzjonalita` Maltija u lanqas ma huma cittadini Maltin. Jirrizulta wkoll bla dubju, li almenu l-attrici hija residenti Malta, li ilha

tiffrekwenta Malta sa minn qabel is-sena 1989, f'liema sena kienet regghet giet Malta appozitament biex tiltaqa' mal-konvenut fuq stedina tieghu, u li wara z-zwieg taghhom li gie ccelebrat fl-Ingilterra fl-1990, hija giet tirrisjedi Malta f'dar mixtrija minn zewgha ftit wara z-zwieg taghhom celebrat l-Ingilterra u baqghet tghix Malta minn dak iz-zmien. Fil-mument li hija intavolat l-odjerni proceduri gudizzjarji ghall-fini ta' separazzjoni personali "a mensa et thoro" (Ctazzjoni Numru 2670/99) u dik ta' manteniment (Citazzjoni Numru 1518/98), kemm f'wahda kif ukoll fl-ohra, l-attrici kienet certament ghalhekk mhux biss prezenti Malta imma wkoll residenti – apparti li jista' jkun li ghall-fini ta' rekwiziti strettament ta' natura amministrattiva hija setghet ma kenitx titqies li hija residenti Malta permanentement.

Id-diffikulta` ghalhekk li fir-realta` tat lok ghal dawn iz-zewg appelli in ezami jikkoncernaw lill-konvenut Christopher Andrew Harvey proprio, ta' nazzjonalita` Ingliza, u dan peress li l-istess konvenut appellant qieghed jikkontendi illi huwa mhux biss m'ghandux nazzjonalita` jew cittadinanza Maltija imma li huwa domiciljat l-Ingilterra "f'liema pajjiz huwa normalment residenti …", li Malta juzaha biss 'transit point" biex imur ghax-xoghol fil-Libja, li la hu u lanqas martu m'ghandhom 'residence permit' u lanqas biss m'ghandhom ebda dritt li joqghodu f'Malta.

9. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-fatti kollha tal-kaz u hija tal-fehma li,
bil-maqlub ta' dak li ttanta jallega u jipprova l-konvenut proprju, li kemm l-attrici kif ukoll zewgha kienu ta' lanqas prezenti f'Malta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Mill-provi prodotti ghandu jirrizulta li l-konnessjoni evidenti tal-konvenut proprio ma' Malta kienet tmur ferm 'il hinn minn semplici ness ta' konvenjenza jew ness kazwali kif hu ried jaghti l-Qorti x'tifhem. Il-provi juru li, ghalkemm huwa minnu li l-appellant proprio m'huwiex Malti u jahdem fil-Libja, ilu jiffrekwenta regolarment Malta sa mill-anqas mis-sena 1988. Anzi skond ma xehdet l-attrici bla ma giet kontrodetta huwa gja` kellu relazzjoni precedenti ma' mara ohra Maltija qabel iz-zwieg. Meta l-konvenut proprio

ddecieda li jistabbilixxi relazzjoni ma’ l-attrici, futura mara tieghu, huwa ghazel Malta biex jiltaqghu, u dan fl-1989. Wara li zzewgu fis-sena 1990 fl-Ingilterra, il-konvenut proprio rritorna Malta fejn akkwista b’xiri dar fejn hu u martu marru joqghodu. Fi kliem iehor, din id-dar ghalihom kienet id-dar matrimonjali. Ovvjament billi l-konvenut proprio kien impjegat gewwa l-Libja, huwa ma setax joqghod il-hin kollu f’Malta. Imma l-Libja kien imur biss ghal fini ta’ xoghol u meta kien ikun fil-perijodu ta’ serhan jew btala, kien jirritorna hdejn martu fid-dar matrimonjali, igifieri fil-fond numru sebgha (7), Busewdien Road, Wardija. L-appellant jissottometti li huwa xtara dar Malta bhala “holiday home” tieghu igifieri purament u ghall-fini biss ta’ konvenjenza u prossimita` mal-Libja. Din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha kompriz ukoll il-fatt li l-attrici martu kienet tirrisjedi f’din id-dar, hija konvinta li l-istess dar kienet tirraprezenta xi haga ferm aktar ghall-konjugi minn semplici “holiday home’”. Dan kollu l-Qorti tikkostatah per ezempju mill-fatt li, wara z-zwieg, u meta l-koppja Harvey irriskontraw diffikoltajiet fizici biex ikollhom ulied, ghamlu l-hsieb li minn Malta jinizjaw proceduri biex possibilment jaddottaw tarbija jew wild mir-Rumanija (ara Dok. CH1, affidavit ta’ l-attrici, fol. 45 – 47 tal-process, Citazzjoni Numru 2670/99). Biex jghixu gewwa Malta, minbarra x-xiri ta’ l-immobbli, il-konvenut proprio inoltre kien jaghmel uzu mis-salarju tieghu li kien jippercepixxi mill-Libja u dan tramite s-servizzi ta’ banek Maltin, mnejn jirrizulta li ghamel anke self ta’ flus. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk l-assjem ta’ dawn il-provi huwa sufficjenti biex jevidenzja almenu l-prezenza, jekk mhux addirittura r-residenza tal-konvenut appellant f’Malta – imqar jekk din ir-residenza, ghal l-fini ta’ rekwiziti amministrativi ta’ l-awtoritajiet ta’ l-Istat Malti ma kenitx setghet tabilhaqq titqies bhala wahda tali.

10. Nigu issa ghall-aspetti ta’ dritt. Fis-sentenzi moghtijin mill-ewwel Qorti, meritu ta’ dawn iz-zewg appelli, gie ritenut, b’mod pjuttost sempicistiku li galadarba l-ligi tal-procedura nostrali giet estiza, ghall-fini ta’ gurisdizzjoni, biex tikkomprendi wkoll gurisdizzjoni bbazata fuq prezenza u billi l-ligi taghna – u specifikament fl-artikolu 742 tal-Kap. 12, kif emendat u mwessa’ bl-Att XXIV tal-

1995 – tuza l-kliem "kull persuna", allura minn dan jidher li jkun bizzejjed, ghall-fini ta' gurisdizzjoni, li almenu l-attrici kienet, bhal f'dan il-kaz, prezenti f'Malta fil-mument li gew istitwiti l-kawzi. L-ewwel Qorti hawn ghamlet ukoll riferenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet "Sixt – vs – Sixt" moghtija fl-14 ta' Frar 2000, fejn skond l-ewwel Qorti – skorrettement fil-fehma ta' din il-Qorti – "gie accettat il-principju illi l-fatt li wahda mill-partijiet kienet qed toqghod Malta kien sufficjenti biex il-Qrati taghna jigu investiti b'gurisdizzjoni" u ziedet ukoll tghid li "din il-Qorti thoss illi ma jistax ikun mod iehor ghax id-dicitura tal-ligi sew fit-test Malti sew f'dak Ingliz hija daqstant cara". Din il-Qorti ezaminat is-sentenza "Sixt – vs – Sixt" (Citazzjoni Numru: 44/1197) u fl-ewwel lok sabet li bhala stat ta' fatt f'dak il-kaz kemm l-attur kif ukoll il-konvenuta kienu t-tnejn Malta fil-mument li giet intavolata c-citazzjoni u ma kenitx ghalhekk qeghda tipprospetta li kellha gurisdizzjoni a bazi tal-prezenza ta' wahda jew wiehed biss mill-partijiet, sija jekk ikun attur/attrici jew konvenut/konvenuta fil-kawza. Tant hu hekk li dik il-Qorti accettat li kellha gurisdizzjoni wara li rriteniet li
"Jidher ghalhekk 'prima facie' li l-attur kien korrett meta intavola l-kawza odjerna semplicement a bazi tal-presenza tieghu u tal-konvenuta fil-gzejjer Maltin."

Din il-Qorti, anzi bil-maqlub ta' dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti, u s'hawn l-appellant ghandu ragun fl-aggravju tieghu, tirritjeni li meta fl-artikolu 742, tal-Kap. 12, il-ligi tirreferi ghal "kull persuna" u tabbinaha, fost ohrajn, ma' mera presenza, linja hawn qeghda necessarjament, tirreferi ghall-presenza tal-parti konvenuta fuq il-principju ta' "ubi te invenio, ibi te convenio". Diversament ikun tassew ifisser, kif tajjeb argomenta l-appellant, li jkun bizzejjed ghall-parti attrici li tkun jew tigi Malta u tharrek lil min trid indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra rigwardanti l-parti konvenuta – haga dina li legalment hija inaccettabbli. Fil-kaz Sixt – vs – Sixt (ibid. supra), gie osservat ukoll in propozitu illi,
"… l-attur akkwista dar f'Ghawdex u jigi f'dawn il-gzejjer minn zmien ghall-iehor u l-konvenuta tirrisjedi hawnhekk ghal-preijodi twal fis-sena minhabba illi t-tifel minuri

jattendi skola lokali. Meta gietipprezentata din il-kawza l-kontendenti nzertaw it-tnejn f'dawn il-gzejjer". (Sorrolinear tal-Qorti)

11. Applikat dak li gie ritenut fid-decizjoni 'Sixt – vs – Sixt', mutatis mutandis, ghall-kaz in ezami, naraw li l-appellant kien mhux biss iqatta', billi jirrisjedi, diversi perijodi ta' zmien f'Malta biex ikun hdejn martu imma sahansitra xtara dar Malta u anke ghamel il-hsieb, f'xi zmien, li jaddotta tarbija tramite proceduri li kellhom jinbdew Malta. Naturalment bil-fatt li jigi stabbilit li l-Qrati taghna ghandhom gurisdizzjoni biex jisimghu u jiddeciedu kawza jew kawzi ta' din ix-xorta, ma jfissirx li kienet applikabbli u kellha tigi applikata ghall-fatti tal-kaz il-ligi Maltija. Pero` una volta li jigi sufficjentement stabbilit li kien hemm presenza tal-parti konvenuta, allura dan ifisser li gurisdizzjoni jkun hemm da parti ta' dik il-Qorti.

12. L-appellant konvenut pero` ma jieqafx biss fuq sottomissjonijiet teoretici imma jadduci bhala raguni ulterjuri ghac-cahda tat-talbiet attrici fuq bazi ta' nullita` billi allega li wara kollox fil-mument li gew istitwiti l-kawzi huwa kien assenti minn Malta. Dan hu punt ta' certa validita` ghax kif tajjeb jelabora l-Avukat Ludvic Caruana fit-tezi dottorali tieghu (ara "Jurisdiction of the Courts in Private International Law – A comparative study", University of Malta, 1997, pag. 60) hu u jikkummenta fuq id-decizjoni "Busuttil – vs – Haas" (1979),
"In this case the Court also reaffirmed that normally the relevant point in time would be the moment when the writ was filed"

imma b'dan li,
"but it laid that here the defendant had acted illegally to defraud the Court out of its jurisdiction, and it stated that in this case it had jurisdiction".

Fil-kaz in ezami ma hawn l-ebda allegazzjoni li l-konvenut ipprova jqarraq bil-Qorti izda hu jghid li mill-passaport seta' juri li ma kienx Malta fil-mument li gie pprezentat fir-Registru l-att ta' citazzjoni, mentri martu ghazlet il-mument meta hu kien assenti biex, wara li tikkapparra l-effetti

mobbli li kien hemm fid-dar li ghandhom f'Malta, tagixxi gudizzjarjament kontrieh. L-attrici min-naha taghha tichad tali agir abbuziv u tghid anzi li hija ma kenitx f'posizzjoni li tkun taf b'certezza fejn kien jinsab zewgha fil-mument li agixxiet kontrieh u billi huwa kien spiss u frekwentement Malta hija agixxiet kontrieh fuq l-assunzjoni li zewgha kien jinsab fil-gzejjer Maltin u meta rrizultalha li kien fil-fatt assenti, hija talbet u otteniet in-nomina ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil zewgha ghall-fini tal-proceduri gudizzjarji. Din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kif hawn fuq esposti, jidhrilha li l-attrici agixxiet korrettement minn punto di vista proceduràli. Li kieku l-attrici otteniet sentenza kontra zewgha fl-assenza tieghu u minghajr ma pprocediet qabel ghal nomina ta' kuraturi deputati biex jirrapprezentawh allura kien ikun hemm tassew lok ta' nullita' imma dan ma kienx il-kaz. B'dan il-mod ghalhekk jemergi li l-konvenut proprio kien validament rapprezentat Malta u ma jistax jinghad li sofra xi pregudizzju. Dan kollu qieghed ukoll jinghad bla hsara tal-fatt li skond l-artiklu 742(1)(f), apparti mis-sub-artikolu (b) li gie ezaminat f'din is-sentenza, hemm ukoll radikata gurisdizzjoni f'kaz ta' kull persuna ghal kull obbligazzjoni favur persuna li tinsab Malta meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta. Naturalment dan kollu qieghed jinghad bla hsara ta' eccezzjonijiet legali ohrajn li ghal fini ta' dawn l-appelli ma gewx u ma humiex ser jigu investiti, kompriza l-eccezzjoni, sollevata f'kawza minnhom ta' 'lis alibi pendens', billi l-appell, kif gja` intqal fil-bidu, huwa ghalissa ristrett u cirkoskritt ghall-ewwel eccezzjoni dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni li, kif rajna, m'hijiex fondata la fil-fatt u lanqas fid-dritt u qeghda tigi respinta. Dan ifisser li din il-Qorti, ghalkemm fuq ragunijiet motivati differentement minn kif gie ritenut mill-ewwel Qorti, xorta wahda hija tal-fehma li l-appelli fix-xewg kawzi ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet;
Tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenut appellant nomine bl-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi kontra tieghu, u billi din hija biss decizjoni "in parte" tordna li, tramite r-Registratur, l-atti processwali taz-zewg kawzi jigu rinvjati mill-aktar fiss quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili

ghall-fini ta' kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------